

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2020/C 393/05)



Naħa nazzjonali tal-munita commemorattiva l-ġdida ta' żewġ euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Ġermanja

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom *status* ta' valuta legali fiż-Żona tal-Euro. Biex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha ⁽¹⁾. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti commemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti ta' żewġ euro biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' żewġ euro, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn commemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Il-pajjiż tal-ħruġ: Il-Ġermanja

Is-suġġett tal-kommemorazzjoni: Il-ħamsin anniversarju tan-*Kniefall von Warschau* ta' Willy Brandt.

Id-deskrizzjoni tad-disinn: Id-disinn juri lil Brandt, li dak iż-żmien kien il-kanċillier tal-Ġermanja, għarkubtejh quddiem il-Monument tal-Eroj tal-Ghetto f'Varsavja f'ġest ta' umiltà. Ir-Rewwixta tal-Ghetto ta' Varsavja tal-1943 hija evokata mix-xbihat b'saħħithom tal-kompożizzjoni. Iddisinjat f'rilev estremament fin, id-disinn juri simboli konvinċenti: menorah b'seba' fergħat, il-vittmi tal-ghetto, kif ukoll il-ġenuflessjoni. Il-parti ta' ġewwa tal-munita fiha wkoll l-inizjali tad-disinjatur (fuq), il-marka taz-zekka taz-zekka rispettiva ("A", "D", "F", "G" jew "J"), is-sena, "2020" (fin-nofs tax-xellug), il-kodiċi tal-pajjiż tal-ħruġ tal-Ġermanja, "D" (in-naħa t'isfel fil-lemin), u l-ittri "50 JAHRE KNIEFALL VON WARSCHAU".

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

L-għadd ta' muniti li huwa stmat li se jinħarġu: 30 000 000

Id-data tal-ħruġ: Ottubru 2020

⁽¹⁾ Ara l-ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).